MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH D. CAMILLERI**

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH A. FILLETTI**

**ONOR. IMHALLEF**
**ANTON DEPASQUALE**

Seduta tas-6 ta' Frar, 2004

Appell Civili Numru. 1316/1996/1

**Nathalie Fino**

**vs**

**Carmel sive Charles Fino**

**Il-Qorti:**

Rat l-att ta' citazzjoni pprezentat fil-Prim Awla tal-Qorti Civili illi permezz tieghu l-attrici, wara illi ppremettiet illi skond il-klawsola numru tlieta (3) tal-kuntratt ta'

separazzjoni personali bejn il-kontendenti datat 9 ta’ Frar 1988 in atti Nutar Dottor Tonio Spiteri (Dok A), il-konvenut kien obbliga ruhu li jhallas lill-attrici, bhala alimenti, s-somma ta’ mitejn u hamsa u tletin lira maltin (Lm235) fix-xahar pagabbli kull l-ewwel tax-xahar bil-quddiem; illi skond l-istess klawsola fuq imsemmija dan il-manteniment kellu jigi rivedut kull tlett (3) snin skond iz-zieda fl-Indici ta’ Inflazzjoni mahrug mill-ligi in konnessjoni ma’ l-Ordinanza dsatax “A” (19A) tas-sena 1959, illum Kapitolu 158 tal-Ligijiet ta’ Malta; illi skond l-indici fuq imsemmi il-manteniment dovut mill-konvenut lill-attrici gie mizjud ghal mitejn u hamsin lira u tmienja u ghoxrin centezmu (Lm250.28c) fix-xahar ghall-perijodu mill-ewwel (1) ta’ Marzu 1991 sat-28 ta’ Frar 1994 u ghal mitejn u hamsa u sebghin lira u hamsa u tmenin centezmu (Lm275.85c) fix-xahar b’effett mill-ewwel (1) ta’ Marzu 1994; illi minkejja dawn ir-revizjonijiet u minkejja li l-konvenut gie interpellat ihallas id-differenza bejn il-manteniment originali u dak kif rivedut u sabiex ihallas fil-futur il-manteniment kif rivedut, huwa baqa’ jhallas lill-attrici l-manteniment bir-rata originali imsemmija fil-kuntratt ta’ separazzjoni personali; illi b’konsegwenza tar-revizjonijiet fuq imsemmija, il-konvenut huwa debitur ta’ l-attrici ghall-perijodu mill-1 ta’ Marzu 1991 sat-30 ta’ April 1996 fis-somma komplessiva ta’ elf sitt mija u tnax il-lira u tmintax il-centezmu (Lm1612.18c) (Dok B); talbet ghaliex dik il-Qorti m’ghandhiex: 1. tiddikjara li skond ir-revizjoni prevista fil-klawsola tlieta (3) tal-kuntratt ta’ separazzjoni personali ta’ bejn il-kontendenti datat 9 ta’ Frar 1988 fl-atti tan-Nutar Dottor Tonio Spiteri, ir-rata ta’ manteniment mensili sar (*sic*) mitejn u hamsin lira u tmienja u ghoxrin centezmu (Lm250.28c) fl-1 ta’ Marzu 1991 u mitejn u hamsa u sebghin lira u hamsa u tmenin centezmu (Lm275.85c) fl-1 ta’ Marzu 1994; 2. konsegwentement tikkundanna lill-konvenut ihallas lill-attrici s-somma komplessiva ta’ elf sitt mija u tnax-il lira u tmintax-il centezmu (Lm1612.18c) bhala arretrati ta’ manteniment dovuti kif fuq imfisser; 3. tikkundanna lill-konvenut sabiex ghall-perijodu li fadal sal-iskadenza ta’ l-1 ta’ Frar 1997 ihallas lill-attrici bhala manteniment mensili s-somma ta’ mitejn hamsa u sebghin lira u hamsa u tmenin centezmu (Lm275.85c) fl-ewwel ta’ kull xahar; bl-ispejjez inkluzi dawk ta’ l-ittra interpellatorja

datata 16 ta’ Marzu 1995 u tal-mandat ta’ sekwestru kawtelatorju numru 1779/96 datat 11 ta’ April 1996 u bl-imghax legali mid-data ta’ l-istess mandat ta’ sekwestru, kontra l-konvenut ngunt ghas-subizzjoni;

Rat id-dikjarazzjoni guramentata ta’ l-attrici u l-listi tax-xhieda u tad-dokumenti relativi;

Rat in-nota ta’ eccezzjonijiet tal-konvenut illi permezz taghha eccepixxa:
(1) Li l-ammonti mitluba ma huwiex dovuti stante li il-klawzola tal-kuntratt invokata mill-attrici ma tridx tinqara isolatament, izda flimkien mal-klawzoli l-ohra tal-kuntratt, u fid-dawl tac-cirkostanzi ta’ meta sar il-kuntratt komparati ma’ dawk tal-lum;

(2) Li inoltre, u minghajr pregudizzju ghall-ewwel eccezzjoni, parti mill-ammonti mitluba huma preskritti;
Salvi eccezzjonijiet ohra;

Rat id-dikjarazzjoni guramentata tal-konvenut u l-lista tax-xhieda relattiva;

Rat il-kontro-talba tal-konvenut illi permezz taghha, wara illi ppremetta illi b’kuntratt in atti Nutar Dottor Tonio Spiteri tad-9 ta’ Frar 1996 (esibit mac-citazzjoni bhala Dok A) saret separazzjoni bonarja bejn il-partijiet; il-kondizzjonijiet ta’ dak il-kuntratt saru fid-dawl tac-cirkostanzi ta’ dak iz-zmien, fosthom il-qliegh tal-konvenut; dan illum naqas, kif jigi pruvat waqt it-trattazzjoni tal-kawza; il-manteniment ta’ l-attrici u il-modalitajiet tieghu gie stabbilit mehud in konsiderazzjoni illi sehemha mill-komunjoni ta’ l-akkwisti ser jithallas a rate (cioè safejn jirrigwarda pagament ta’ somma flus, peress illi proprjetà u oggetti mobili inkluzi gojjelli ta’ valur kbir, kienu u baqghu f’idejn il-mara sa minn qabel ma gew assenjati lilha permezz tal-kuntratt); bi ftehim ta’ transazzjoni ta’ Gunju 1994, sar tnaqqis zghir fl-ammont li l-attrici bhala interessi fuq ir-rati tas-somma kapitali imhallsa sa dakinhar, u il-konvenut hallas lill-attrici a saldu tas-somma ta’ flus u interessi dovuti sa dakinhar in virtù tal-komunjoni ta’ l-akkwisti, is-somma ta’ Lm25,000; kieku ma saritx din

it-transazzjoni, il-pagament tar-rata finali kien isir fis-sena 2000; dan ifisser illi l-introjtu ta' l-attrici zdied, jew kellu l-potenzjal li jizdied jekk din is-somma investieta sewwa, b'hafna izjed milli kienet [t]ibqa' tircievi, kemm f'imghax fuq ir-rati dovuti, kemm b'zidiet skond l-Indici kif stipulat; inoltre, fil-kuntratt tas-separazzjoni hemm stabbilit li l-mara tiddekadi mid dritt ta' l-alimenti jekk hija tabita abitwalment ma ragel iehor jew tkun mantenuta minnu; dan mhux ghaliex il-konvenut ried ikun l-arbitru tal-moralità ta' martu (dato li hu ghandu relazzjoni stabbili ma persuna ohra) izda ghas-semplici raguni li fil-kas previst fil-kuntratt, kien ikun hemm relazzjoni kwazi-matrimonjali ma persuna ohra, li ghalhekk kellha jkollha ukoll obbligi simili; l-attrici ilha hafna snin li ghandha relazzjoni stabbili ma ragel iehor u ghalhekk din ic-cirkustanza trid tigi konsiderata; talab ghaliex dik il-Qorti m'ghandhiex tiddikjara u tiddeciedi: (1) illi l-attrici rikonvenzjonata iddekadiet mid-dritt tal-manteniment imhabba l-avverament tal-kondizzjoni imsemmija fl-artikolu (3) tal-kuntratt ta' separazzjoni, a rigward ta' ragel iehor; (2) illi l-attrici iddekadiet mid-dritt tal-manteniment jew ta' l-ammont shih tieghu, jew taz-zidiet, ghaliex minhabba id-deroga konsenswali li saret ghall-artikolu (5)(a) tal-kuntratt tas-separazzjoni, u fid-dawl tal-ligi, hi ghandha mezzi bizzejjed biex tmantni ruhha u allura anke l-artikolu (3) ghandu jissubixxi deroga; bl-ispejjez kontra l-attrici li tibqa' ngunta ghas-subizzjoni;

Rat il-lista tax-xhieda relattiva;

Rat in-nota ta' eccezzjonijiet ta' l-attrici ghat-talba rikonvenzjonali tal-konvenut illi biha eccepiet:

Illi preliminarjament in-nullità tat-talba rikonvenzjonali stante li ma gietx segwita l-procedura stipulata fl-artikolu 398(2) tal-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili;

Illi bla pregudizzju u fil-meritu, kwantu ghat-talba bazata fuq id-dekadenza ta' l-attrici a tenur tal-klawsola tlieta (3) tal-kunt[r]att ta' separazzjoni, din hija nfondata fil-fatt u fid-dritt stante li l-attrici la tabita abitwalment ma ragel iehor u lanqas ma hija mantnuta minn ragel iehor;

Illi wkoll bla pregudizzju u fil-meritu, kwantu ghat-tieni talba rikonvenzjonali, din ukoll hija nfondata fil-fatt u fid-dritt ghaliex:
(a) ma kien hemm ebda deroga mill-klawsola (5)(a) tal-kuntratt ta' separazzjoni u li gara sar bil-kunsens taz-zewg partijiet u kien limitat biss ghall-kwistjoni tal-komunjoni ta' l-akkwisti u bl-ebda mod ma kien b'xi mod vinkolat mall-kwistjoni tal-manteniment;

(b) skond il-klawsola hdax (11) ta' l-istess kuntratt, gie espressament miftiehem li t-termini tal-kuntratt kienu inalterabbli, sakemm naturalment mhux bil-kunsens taz-zewg kontraenti;

(c) il-konvenut ma huwa qed jallega ebda vizzju jew difett fil-kunsens tieghu meta iffirma l-kuntratt jew kwalsiasi raguni ohra li tatih ragun jirrexindi l-obbligazzjoni kontrattwali minnu assunta;

Rat id-dikjarazzjoni guramentata ta' l-attrici u l-listi tax-xhieda u tad-dokumenti relativi;

Rat is-sentenza *in parte* tat-tnejn (2) ta' April, 1997 illi permezz taghha l-Prim Awla tal-Qorti Civili cahdet l-eccezzjoni preliminari sollevata mill-attrici rikonvenzjonata dwar in-nullità tat-talba rikonvenzjonali, spejjez rizervati ghall-gudizzju finali;

Rat is-sentenza tat-tnejn u ghoxrin (22) ta' Novembru, 2002 illi permezz taghha l-Prim Awla tal-Qorti Civili iddecidiet hekk:
"… (1) <u>tirrespingi</u> l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni sollevata mill-konvenut; (2) <u>tirrespingi</u> l-eccezzjoni tieghu fil-meritu; (3) <u>tirrespingi</u> l-kontro-talbiet tieghu; (4) <u>tilqa'</u> t-talbiet ta' l-attrici u konsegwentement (i) tiddikjara li skond ir-revizjoni prevista fil-klawsola (3) tal-kuntratt ta' separazzjoni personali ta' bejn il-kontendenti datat 9 ta' Frar, 1988 fl-atti tan-Nutar Dottor Tonio Spiteri, ir-rata ta' manteniment mensili sar mitejn u hamsin lira u tmienja u ghoxrin centezmu (Lm250.28c) fl-1 ta' Marzu, 1991 u mitejn u hamsa u sebghin lira u hamsa u tmenin centezmu (Lm275.85c) fl-1 ta' Marzu, 1994, (ii)

tikkundanna lill-konvenut ihallas lill-attrici s-somma komplessiva ta’ elf sitt mija u tnax-il lira u tmintax-il centezmu (Lm1,612.18c) bhala arretrati ta’ manteniment dovuti lill-istess attrici, bl-imghax skond il-ligi dovut mid-data tac-citazzjoni u cioè mit-23 ta’ April, 1996, u (iii) tikkundanna lill-konvenut li ghall-periodu sal-iskadenza ta’ l-1 ta’ Frar, 1997 ihallas lill-attrici bhala manteniment mensili s-somma ta’ mitejn hamsa u sebghin lira u hamsa u tmenin centezmu (Lm275.85c).

“Salv ghall-ispejjez konnessi mas-sentenza preliminari tat-2 ta’ April, 1997, l-ispejjez l-ohra kollha ta’ din il-kawza, inkluzi l-ispejjez tal-mandat kawtelatorju numru 1779/96, ghandhom jigu sopportati mill-konvenut; l-ispejjez konnessi ma’ l-imsemmija sentenza preliminari ghandhom, però, ikunu a karigu ta’ l-attrici”;
u dana wara illi kkunsidrat hekk:
“**L-Eccezzjoni tal-Preskrizzjoni**

“Din il-Qorti sejra l-ewwel tiddisponi minn din l-eccezzjoni sollevata mill-konvenut. Il-konvenut ma spjega b’ebda mod kif u ghala parti minn dak dovut hu b’xi mod preskritt. Hu ma spjegax liema wahda jew aktar, mid-diversi disposizzjonijiet li jirregolaw il-preskrizzjoni, huwa kien qed jinvoka; u baqa’ ma spjegax, anke jekk fit-trattazzjoni ta’ l-abbili difensura tieghu Dott. Ena Cremona, x’parti mill-ammont reklamat mill-attrici kien preskritt. Fic-cirkostanzi dina l-Qorti m’gha[n]dhiex xelta ghajr li tiddisponi sommarjament minn din l-eccezzjoni billi tichadha.

“**Il-Kuntratt ta’ Separazzjoni Personali**

“L-attrici ezibiet mac-citazzjoni kopja ta’ kuntratt ta’ separazzjoni personali datat 9 ta’ Frar, 1988 (in atti tan-Nutar Dottor Tonio Spiteri). Fl-udjenza tal-11 ta’ April, 1997 (fol. 38) il-partijiet qablu li din il-kopja kienet vera kopja ta’ l-original. Id-disposizzjonijiet li huma rilevanti ghal din il-kawza huma l-artikoli (jew klawsoli) 3, 5 u 11. L-artikolu 3 jipprovdi hekk:

***Ir-ragel jobbliga ruhu li jaghti lill-mara, bhala alimenti, is-somma ta’ mitejn u hamsa u tletin lira Maltija***

***(Lm235) fix-xahar pagabbli kull l-ewwel tax-xahar bil-quddiem. Din ir-rata ta' manteniment tigi riveduta kull tlett snin. Jekk fil-frattemp ikun hemm zieda fl-Indici ta' l-Inflazzjoni mahrug mill-ligi in konnessjoni ma l-Ordinanza dsatax 'A' (19A) ta' l-elf disa' mija u disgha u hamsin (1959), tkun skond iz-zieda fl-istess indici. Il-mara tiddekadi minn dan id-dritt fil-kaz li hija tabita abitwalment ma' ragel iehor jew tkun mantenuta minnu.***

"Minn din il-klawsola jidher car li l-hsieb tal-partijiet, meta kienu qed jirreferu ghal revizjoni kull tlett snin, kienet li din ir-revizjoni tkun il-fuq, cioè f'sens ta' zieda, u mhux tnaqqis, tant hu hekk li ftehmu li tiskatta zieda awtomatika fl-ipotesi li l-Indici ta' l-Inflazzjoni jkun jindika zieda fl-istess inflazzjoni. Il-klawsola 5, imbaghad, li hija maqsuma f'hames paragrafi, taghti dettalji dwar dak li kellha tiehu l-attrici bhala sehmha mill-komunjoni ta' l-akkwisti. Inkluz f'dan is-sehem kien hemm is-somma ta' hamsa u tletin elf lira (Lm35,000) li parti minnhom (Lm5,000) thallsu fuq il-kuntratt u l-kumplament kellhom jithallsu b'rati u bl-imghax (klawsola 5(a)). Il-klawsola 11 tipprovdi hekk:

***Il-partijiet jaqblu li, salv il-premess, dan il-kuntratt huwa per saldu tad-drittijiet u pretensjonijiet taghhom u li salv ghal dak li hemm già provvdut qabel, dan il-kuntratt ma jista' jigi mibdul fl-ebda cirkostanza, inkluz l-annullament taz-zwieg tal-partijiet.***

"**<u>Il-Provi</u>**

"Mill-kuntratt ta' separazzjoni aktar 'l fuq imsemmi, jirrisulta illi, kif ippremettew il-partijiet fl-istress kuntratt, il-hajja konjugali ta' bejniethom ma baqghetx possibbli minhabba ragunijiet serji atribwibbli lir-ragel. Huma ghalhekk kienu resqu ghall-kuntratt ta' separazzjoni wara d-debita awtorizzazzjoni tas-Sekond Awla tal-Qorti Civili.

"F'din il-kawza <u>inhela hafna zmien mill-konvenut</u> biex huwa jipprova jikkonvinci lil din il-Qorti li l-mezzi finanzjarji tieghu tbiddlu b'tali mod li ma kienitx ghada torbot il-klawsola 3 tal-kuntratt ghal dak li jirrigwarda zieda fil-

manteniment abbinata ma' l-Indici ta' l-Inflazzjoni. Hekk, per ezempju, saru provi dwar t-trasferimenti li l-konvenut ghamel lill-persuna li qed jghix maghha u cioè Miriam Bezzina, u li kif jghid l-istess konvenut ilu jghix maghha daqs kemm ilha s-separazzjoni minn mal-mara tieghu. A fol. 117 tal-process giet ezibita kopja certifikata (ara d-dokument a fol. 103) ta' *share transfer* mill-konvenut lil Miriam Bezzina ta' 999 *ordinary shares* f'Fino Catering Company Ltd. Dan it-trasferiment sar fl-24 ta' Settembru, 1993. A fol. 95 gew ezibiti d-dokumenti EC1 sa EC8 li juru *allotment* precedenti ta' elf *ordinary shares* fl-istess kumpanija maghmula lill-imsemmija Miriam Bezzina. B'dan il-mod il-kumpanija Fino Catering Company Ltd. kienet originarjament giet proprjetà tal-konvenut u ta' Miriam Bezzina. Dan jirrisulta li sar fi Frar ta' l-1989.

"Fid-deposizzjoni tieghu tat-28 ta' April, 1997 (fol. 51) il-konvenut jghid li jircevi salarju ta' direttur mill-Pntevecchio Restaurant, u li dan is-salarju jghaddih bhala manteniment lil martu (l-attrici). Minn din id-deposizzjoni kif ukoll mid-deposizzjonijiet ta' l-4 ta' Gunju, 1999 u tat-8 ta' Ottubru, 1999 jirrisulta li fil-fatt huwa qieghed jghix mal-persuna li hija s-sid u d-direttur tal-kumpanija li tiggestixxi dan r-restaurant, cioè l-imsemmija Bezzina.

"Saru provi fir-rigward ta' proprjetà bl-isem '115 The Strand Sliema'. Din jirrisulta li kienet kumpanija, u a fol. 86 il-konvenut jispjega li din kienet 'Complex Apartments' li kien fiha tletin appartament. Il-konvenut jghid li wara li kien hemm qsim ma' hutu il-proprjetà giet fuqu u bieghha lill-kumpanija ta' certu Paul Camilleri li kien *manager* mieghu dak iz-zmien tas-separazzjoni. Ingabu provi wkoll ta' diversi kumpaniji ohra li kien involut fihom il-konvenut u/jew Miriam Bezzina (ara, per ezempju, d-deposizzjoni ta' Robert Aquilina a fol. 157).

"Mill-kumpless tal-provi din il-Qorti, però, hi sodisfatta li l-konvenut qed jghix hajja komda u ta' certu *standard* gholi, u li r-riduzzjoni fid-dhul tieghu hija semplicement apparenti, principalment peress li huwa ghadda dak li seta jghaddi lill-mara li llum qed jghix maghha. Huwa minnu li xi snin ilu huwa ghamel operazzjoni tal-vini f'saqajh (ara c-

certifikat Dok. CM1 a fol. 48), però jibqa' l-fatt li hu ghandu kapacità finanzjarja tajba u li ma huwa nieqes minn xejn. Dan kollu, però, ma jincidi b'ebda mod fuq l-obbligu tieghu taht il-klawsola 3 tal-kuntratt ta' separazzjoni, u dan in vista ta' dak li tipprovdi bl-aktar mod car il-klawsola 11. Dan ma huwiex il-kaz ta' xi hadd li qed jghix *in extremis* jew li l-konvenut m'ghandux minn fejn ihallas il-manteniment anke bl-awment, kif pattwit, skond l-Indici ta' l-Inflazzjoni. Ghalhekk l-ewwel eccezzjoni tal-konvenut qed tigi respinta.

"Lanqas hija korretta s-sottomissjoni tal-konvenut li kien hemm xi 'deroga konsenswali' ghall-klawsola 5(a) b'mod li l-attrici giet li ghandha mezzi finanzjarji 'bizzejjed biex tmantni ruhha u allura anke l-artikolu 3 ghandu jissubixxi deroga'. Dak li sar bil-kunsens taz-zewg partijiet - kif rifless fir-ricevuta a fol. 20 - kien jirrigwarda biss il-komunjoni ta' l-akkwisti, jew ahjar il-likwidazzjoni taghha, u ma hemm assolutament xejn x'jindika li dan kellu jkollu, direttament jew indirettament, xi riperkussjoni fuq l-applikabilità tal-klawsola 3 tal-kuntratt ta' separazzjoni.

"Fl-ahhar nett, kwantu ghall-allegazzjoni tal-konvenut li martu qed tghix abitwalment ma ragel iehor u/jew li qed tkun mantenuta minnu, din il-Qorti ezaminat kemm id-deposizzjoni ta' l-attrici moghtija quddiem l-Assistent Gudizzjarju Dott. Kenneth Gulia fil-5 ta' April, 2001 (fol. 226 *et seq.*) kif ukoll semghet hija stess lil Frank Debono jixhed fl-10 ta' Jannar, 2002, u tara li ma gie ppruvat b'ebda mod, anqas fuq bazi ta' probabbilità, li l-attrici kienet jew qieghda 'tabita abitwalment ma' ragel iehor' jew li kienet jew qieghda 'tkun mantenuta minnu'. Ghalhekk din il-Qorti ma tistax tikkonkludi li l-attrici b'xi mod iddekadiet mid-dritt taghha ghall-manteniment kif provvdut fil-klawsola 3 tal-kuntratt ta' separazzjoni tad-9 ta' Frar, 1988."

Rat ir-rikors ta' l-appell tal-konvenut illi bih, ghar-ragunijiet hemm esposti, talab illi tigi revokata, annullata u mhassra s-sentenza tal-Prim Awla tal-Qorti Civili tat-22 ta' Novembru, 2002 u illi minflok jintlaqghu l-eccezzjonijiet tal-konvenut appellant u t-talbiet tieghu fil-kontro-talba, bl-

ispejjez taz-zewg istanzi kontra l-appellata jew alternativament illi l-istess sentenza tigi dikjarata nulla ghar-ragunijiet indikati fir-rikors ta' appell u illi l-atti jintbaghtu lura quddiem il-Prim Awla tal-Qorti Civili sabiex il-kaz ikompli jinstema' fil-mertu;

Rat illi ma jirrizultax illi l-attrici appellata pprezentat risposta bil-miktub ghar-rikors ta' appell tal-konvenut;

Ezaminat l-atti kollha tal-kawza;

Trattat l-appell;

Ikkunsidrat:

Illi l-aggravji tal-konvenut appellant kontra s-sentenza appellata huwa s-segwenti:

1. in-nullità tas-sentenza;

2. illi l-ewwel Qorti ma kellhiex tichad l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni minnu sollevata;

3. illi l-ewwel Qorti nterpretat hazin il-kuntratt ta' separazzjoni bejn il-kontendenti u, inoltre, injorat ix-xhieda prodotti mill-konvenut kemm rigward "sieheb l-attrici li hija qed tikkoabita mieghu", kemm dwar "l-istat ta' sahha tieghu [tal-konvenut] u li huwa ma ghandu ebda assi kuntrarjament ghall-attrici appellata li ghandha villa, flat u garage u investimenti ohra";

Ikkunsidrat:

Illi, dwar l-ewwel (1) aggravju tieghu, il-konvenut jghid hekk biss fir-rikors ta' appell:

"L-appellanti jissottometti umilment li s-sentenza hija nulla stante li l-ewwel Qorti rrespingiet it-talbiet tieghu fil-kontro-talba <u>minghajr ma tat ebda ragunijiet li fuqhom il-Qorti tkun ibbazat id-decizjoni taghha</u> u dana kif inhuwa tassativament rikjest fil-Kapitolu 12 (Art. 218 et). Illi din il-Qorti tghallimna li l-effetti tal-kontro-talba huma ekwivalenti ghal citazzjoni u li gurisprudenza kostanti sostniet li t-talba u l-kontro-talba ghandhom jigu kunsidrati

separatament. Dak li hu tassativament rikjest mill-ligi rigward ic-citazzjoni huwa wkoll rikjest fil-kontro-talba.

“Bir-rispett kollu dan l-ewwel Qorti ma ghamlitux u ghalhekk dak li hu tassativament rikjest mill-ligi rigward ic-citazzjoni huwa wkoll rikjest fil-kontro-talba.”

Jidher car, ghalhekk, illi l-ilment ta’ l-appellant jirrigwarda l-mod kif giet trattata u deciza l-kontro-talba tieghu fis-sentenza appellata;

Il-provvedimenti tal-ligi illi huma rilevanti ghall-fini tad-determinazzjoni ta’ l-aggravju in ezami huma l-artikoli 218 u 397 tal-Kap. 12. Dan l-artikolu 218 jaqra hekk:
“Fis-sentenza ghandhom qabel xejn jinghataw ir-ragunijiet li fuqhom il-Qorti tkun ibbazat id-decizjoni taghha, u ghandu jkun hemm fiha wkoll riferenza ghall-procedimenti, ghat-talbiet ta’ l-attur u ghall-eccezzjonijiet tal-konvenut.”

L-imsemmi artikolu 397 jiddisponi hekk:
“L-effett tal-kontro-talba, rigward il-procedura, huwa dak li dwar it-talba originali u l-kontro-talba jsir process wiehed u li z-zewg talbiet jigu decizi fl-istess kawza (sottolinear ta’ dina l-Qorti);”

Illi, dina l-Qorti ma tezita b’ebda mod illi tghid illi s-sentenza appellata, ghal dak illi jirrigwarda l-kontro-talba ta’ l-appellant, tissodisfa pjenament il-vot tac-citati artikoli 218 u 397 tal-Kap. 12 u illi, konsegwentement, l-aggravju in ezami ta’ l-istess appellant huwa infondat. Infatti, ma jista’ jkun hemm ebda dubbju illi fis-sentenza appellata gew riprodotti t-talba rikonvenzjonali tal-konvenut u l-eccezzjonijiet relativi ta’ l-attrici, saret riferenza ampja ghall-procedimenti quddiem l-ewwel Qorti u inghataw ir-ragunijiet illi fuqhom l-ewwel Qorti ibbazat id-decizjoni taghha illi tichad it-talbiet rikonvenzjonali tal-konvenut. Ghar-rigward ta’ dawn ir-“ragunijiet” huwa sufficjenti illi ssir riferenza ghall-pagini sitta (6) u sebgha (7) tas-sentenza appellata, senjatament il-paragarafu illi jibda bil-kliem “Lanqas hija korretta s-sottomissjoni tal-konvenut li kien hemm ‘deroga konsenswali’ …” u l-paragrafu illi jigi immedjatament warajh;

Ikkunsidrat:

Illi, kwantu ghat-tieni (2) aggravju ta’ l-appellant, ghandu jinghad, qabel xejn, illi ma hemm xejn censurabbli fil-mod kif l-ewwel Qorti cahdet l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni sollevata mill-konvenut. Infatti, fis-sentenza appellata jinghad korrettement illi l-konvenut “… ma spjegax liema wahda jew aktar, mid-diversi disposizzjonijiet li jirregolaw il-preskrizzjoni, huwa kien qed jinvoka …”;

Mir-rikors ta’ appell, però, jidher illi, fl-istadju ta’ l-appell, il-konvenut qed jinvoka il-preskrizzjoni kontemplata mill-artikolu 2156 tal-Kodici Civili. Huwa s-subinciz (b) ta’ dan l-artikolu, hawn taht riprodott, illi huwa rilevanti ghall-finijiet tal-materja in ezami:

“**2156.** L-azzjonijiet hawn taht imsemmija jaqghu bi preskrizzjoni bl-eghluq ta’ hames snin:

(a) …

(b) L-azzjonijiet ghall-hlas ta’ pensjoni ghall-manteniment;”

Minn ezami ta’ l-att ta’ citazzjoni jirrizulta illi hija t-tieni (2) talba attrici biss illi ghaliha tista’ tapplika l-preskrizzjoni kontemplata mic-citat artikolu 2156(b) tal-Kodici Civili. Din it-talba taqra hekk:

“… tikkundanna lill-konvenut ihallas lill-attrici s-somma komplessiva ta’ elf sitt mija u tnax il-lira u tmientax il-centezmu (Lm1612.18) bhala arretrati ta’ manteniment dovuti kif fuq imfisser”;

Dwar dan l-ammont, ma’ l-att tac-citazzjoni l-attrici esibiet prospett (Dok. B, fol. 8) illi minnu jirrizulta illi l-attrici qed titlob illi l-konvenut ihallasha l-awment fir-rata ta’ manteniment, dovut *ai termini* tal-klawsola 3 tal-kuntratt ta’ separazzjoni bejn il-kontendenti, ghall-perijodu ta’ bejn l-ewwel (1) ta’ Marzu, 1991 u t-tmienja u ghoxrin (28) ta’ Frar, 1994, awment ta’ hmistax-il lira u tmienja u ghoxrin centezmu (Lm15.28) kull xahar;

Jidher illi l-ewwel att gudizzjarju illi permezz tieghu l-attrici talbet lill-konvenut sabiex ihallasha l-imsemmi awment huwa l-att ta' citazzjoni odjern, intavolat fit-tlieta u ghoxrin (23) ta' April, 1996 u notifikat lill-konvenut fit-tlieta u ghoxrin (23) ta' Mejju, 1996. Ghalhekk, jirrizulta illi, b'applikazzjoni tac-citat artikolu 2156(b) tal-Kodici Civili, abbinat ma' l-artikoli 2128 u 2130 ta' l-istess Kodici, l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni sollevata mill-konvenut ghandha tintlaqa' limitatament ghall-awment dovut ghall-iskadenzi ta' l-ewwel (1) ta' Marzu, 1991 u ta' l-ewwel (1) ta' April, 1991, liema awment, kif già inghad, huwa ta' Lm15.28 kull xahar u, ghalhekk, komplessivament huwa ta' tletin lira u sitta u hamsin centezmu (Lm30.56);

Kif huwa risaput, il-fatt illi l-provvediment tal-ligi illi fuqu il-konvenut qed jibbaza l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni, gie ndikat mill-istess konvenut fil-mori tal-proceduri quddiem dina l-Qorti, ghandu jittiehed in konsiderazzjoni ghal dak illi jirrigwarda l-kap ta' l-ispejjez;

Ikkunsidrat:

Illi dwar it-tielet (3) aggravju tal-konvenut dina l-Qorti ma ghandhiex wisq x'tghid. Dan l-aggravju, fir-realtà, jammonta ghal sottomissjoni illi l-ewwel Qorti ghamlet apprezzament zbaljat tal-provi prodotti u qorti tat-tieni (2) grad, hlief ghal ragunijiet serji, ma tiddisturbax l-apprezzament tal-provi illi taghmel qorti ta' l-ewwel (1) grad. Fil-kas odjern dina l-Qorti, wara illi ezaminat il-provi kollha prodotti, hija sodisfatta illi l-ewwel Qorti fis-sentenza appellata ghamlet apprezzament korrett ta' dawn il-provi. Tajjeb, però, illi jinghad illi dina l-Qorti tiskanta kif, fir-rikors ta' appell, il-konvenut jista' jghid illi l-ewwel Qorti "… injorat ix-xhieda prodotti mill-appellanti anke ghar-rigward sieheb l-attrici li hija qed tikkoabita mieghu. Injorat ukoll l-istat ta' sahha tieghu u li huwa m'ghandu ebda assi …", meta fis-sentenza appellata jinghad:
"Mill-kumpless tal-provi din il-Qorti, però, hija sodisfatta li l-konvenut qed jghix hajja komda u ta' certu *standard* gholi, u li r-riduzzjoni fid-dhul tieghu hija semplicement apparenti, principalment peress li <u>huwa ghadda dak li seta jghaddi lill-mara li llum qed jghix maghha</u>. <u>Huwa minnu li</u>

xi snin ilu huwa ghamel operazzjoni tal-vini f'saqajh (ara c-certifikat Dok. CM1 a fol. 48), però jibqa' l-fatt li hu ghandu kapacità finanzjarja tajba u li ma huwa nieqes minn xejn.

"…

"Fl-ahhar nett, kwantu ghall-allegazzjoni tal-konvenut li martu qed tghix abitwalment ma' ragel iehor …, din il-Qorti ezaminat kemm id-deposizzjoni ta' l-attrici moghtija quddiem l-Assistent Gudizzjarju Dott. Kenneth Gulia fil-5 ta' April, 2001 (fol. 226 *et seq*.) kif ukoll semghet hija stess lil Frank Debono [prodott bhala xhud mill-konvenut] jixhed fl-10 ta' Jannar, 2002, u tara li ma gie ppruvat b'ebda mod, anqas fuq bazi ta' probabbilità, li l-attrici kienet jew qieghda 'tabita abitwalment ma' ragel iehor' …" (sottoloinear ta' dina l-Qorti).

Illi, ghalhekk, anqas it-tielet (3) aggravju ta' l-appellant ma huwa fondat;

Ikkunsidrat:

Illi dina l-Qorti trid taghmilha cara illi hija kkunsidrat in-nota ta' riferenzi pprezentata mill-appellant fl-erbgha (4) ta' Dicembru, 2003. Huwa veru illi fis-sentenzi illi jissemmew f'din in-nota ta' riferenzi gie affermat illi huwa possibbli illi l-manteniment dovut, anke jekk ikun gie stabbilit bi ftehim bejn il-konjugi fil-kuntratt ta' separazzjoni taghhom - bhala ma huwa il-kas in ezami - jista' f'cirkostanzi specjali jigi ridott jew addirittura ma jibqax dovut, però, huwa daqstant veru illi fil-kas odjern m'hemmx lok illi dan isir ghaliex dina l-Qorti, bhall-ewwel Qorti, hija konvinta illi, fi kliem is-sentenza appellata (pagina 6),
"Dan ma huwiex il-kaz ta' xi hadd li qed jghix *in extremis* jew li l-konvenut m'ghandux minn fejn ihallas il-manteniment anke bl-awment, kif pattwit, skond l-Indici ta' l-Inflazzjoni" (sottolinear ta' dina l-Qorti);

Ghal dawn il-motivi, tiddisponi mill-appell billi tilqghu biss fis-sens illi tilqa' t-tieni (2) eccezzjoni tal-konvenut limitatament ghall-ammont ta' Lm30.56 illi ghandu

jitnaqqas mill-ammont komplessiv mitlub mill-attrici fit-tieni (2) talba taghha u, konsegwentement, tirriforma s-sentenza appellata billi, filwaqt illi tirrevokaha kwantu rrespingiet l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni sollevata mill-konvenut u billi tilqa' l-istess eccezzjoni limitatament ghall-imsemmi ammont ta' Lm30.56, u billi tikkonfermaha ghall-kumplament b'dan illi, kwantu ghat-tieni (2) talba attrici, tikkundanna lill-konvenut ihallas lill-attrici s-somma ta' elf, hames mija u wiehed u tmenin lira Maltija u tnejn u sittin centezmu (Lm1581.62) flimkien ma' l-imghax kif deciz fis-sentenza appellata;

In vista illi, kif già inghad, kien biss fil-mori ta' dan l-appell illi l-appellant indika il-provvediment tal-ligi illi in forza tieghu huwa kien eccepixxa l-preskrizzjoni, u illi l-appell qed jigi milqugh biss kwantu jirrigwarda din l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni, tordna illi l-ispejjez ta' din l-istanza jigu sopportati kollha mill-konvenut appellant.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------